

Brussell, 7 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9885/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0124(NLE)**

**MI 498
ECO 60
ENT 145
UNECE 11**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9967/19 + ADD1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti tan-NU Nri 14, 17, 24, 30, 44, 51, 64, 75, 78, 79, 83, 85, 90, 115, 117, 129, 138, 139, 140 u 145, fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti Tekniċi Globali (GTRs) Nri 15 u 19, fir-rigward tal-proposta għal emenda għar-Riżoluzzjoni Reċiproka M.R.2, fir-rigward tal-proposta għal Regolament ġdid tan-NU, u fir-rigward tal-proposti għal (emendi għal) awtorizzazzjonijiet biex jiġu żviluppati l-GTRs - Adozzjoni

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq fil-5 ta' Ġunju 2019.
2. Fil-5 ta' Ġunju 2019, il-proposta tal-Kummissjoni ġiet ippreżentata u eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur). Id-delegazzjonijiet kollha qablu mat-test tal-proposta.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu għalhekk mistieden biex:
- jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma,
 - jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta, fil-parti "A" tal-aġenda tiegħu f'laqgħa li jmiss, it-test ta' din id-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 9871/19 wara l-finalizzazzjoni tiegħu mill-ġuristi-lingwisti.
4. F'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jgħarraf lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
-